# Ġrajjiet li ħallew il-marka tagħhom fuq il-Qala...

Sensiela informattiva u edukattiva dwar il-Qala

Dr. Raymond C. Xerri PhD (Australia), M.A.(Dip.St.)(Malta), D.D.S., E.U.Sch. (E.U.Law)(FRG), B.A.(Hons.)(USA),

## Il-ħerba fil-Qala wara t-Terrimot tal-1743

Min għandu idea ċkejkna ta' x'inhi ġeoloġija, jew iħares lejn il-formazzjoni tat-topografija tar-raħal tagħna malajr jinduna li l-art hi magħmula mill-ħames saffi differenti ta' ġebel f'forma ta' għoljiet u widien u żgur li mhix art ċatta. Dak hu li naraw b'għajnejna minn wiċċ il-baħar 'il fuq. Taħt il-baħar u taħt qiegħ il-baħar hemm dinja oħra. Taħt l-art li nimxu fuqha nsibu sistema komplessa ta' għerien, xmajjar u rdum kbir u żgħir kif ukoll xquq u dagħbien li ħafna drabi jinżel kilometri sħaħ 'il isfel. Tgħidu, imma ħadd ma niżel daqshekk fil-fond u ra x'hemm? Iva, però x-xjenza avvanzat tant li llum għandna satelliti li jieħdu ritratti taħt l-art u fil-fond ħafna mingħajr ma jinżel xi persuna fiżikament u per eżempju hekk l-inġiniera jkunu jafu jekk hemmx żejt jew le taħt l-art. Nafu wkoll li wiċċ id-dinja hi magħmula minn seba' qoxriet kbar ta' art li ħafna minnhom huma eluf ta' kilometri fid-daqs u bejn 25-40 kilometri fil-fond li kontinwament jitħarrku, min minnhom jitħaxken u min jirkeb lill-qoxra jew qoxriet ta' maġenbu. B'hekk l-art titħarrek fuq medda ta' eluf ta' snin u xi drabi f'daqqa bħalma ġara f'xi partijiet f'Malta, f'Għawdex u anke fil-Qala kif ser naraw.

### Malta u Għawdex jinsabu f'żona sesmika

Il-Gżejjer Maltin jinsabu fuq il-qoxra Afrikana li kontinwament titħaxken u ftit ftit qiegħda tirkeb lill-qoxra msejħa Ewrasja. Kull meta jiċċaqalu dawn il-qxur isir terrimot, daqqa ma nħossux għaliex ikun żgħir jew tant inkunu għaddejjin bix-xogħol li ma nindunawx, xi darba nħossuh u nibżgħu, drabi oħra jkun qawwi li jagħmel ħsara kbira u anke f'każi mietu jew ndarbu n-nies. L-annimali bħall-għasafar, l-klieb u l-qtates huma ħafna iżjed avvanzati minna b'rigal ta' sens li aħna l-bnedmin ma għandniex, għaliex jindunaw sew qabel xi theżżiża. Pajjiżna jinsab ftit kilometri 'il-bogħod mit-tarf tal-qoxra Afrikana li t-tarf tagħha tinsab fil-baħar bejn Għawdex u l-gżira ta' Sqallija u din il-qoxra tmiss mall-qoxra Ewrasja fejn insibu ħafna attività sesmika li kkawżat diversi terrimoti matul is-sekli.

### L-agħar terrimot fl-istorja miktuba tal-1693

F'Malta, l-eqdem rakkonti dwar dawn it-terrimoti jmorru lura minn qabel il-ħakma tal-Kavallieri jiġifieri għall-1500. L-agħar terrimot li ħakem lill-Gżejjer Maltin kien fid-9 ta' Jannar tal-1693 meta kien sar wieħed qawwi qrib Sirakuża, Katanja u diversi rħula tal-madwar u jumejn biss wara sar wieħed qawwi iżjed minn ta' qabel qrib il-belt ta' Messina fejn kienu mietu madwar 90,000 Sqalli li madwar 60,000 minnhom kienu mill-Belt ta' Katanja. Dawn it-terrimoti nħassu sew f'Malta u Għawdex fejn kien inqered il-Katidral ta' San Pawl tal-Imdina, il-bini fil-Belt Valletta u t-tlett ibliet kollha kienu affettwati b'konsenturi u xquq. Skont rakkonti t-terrimot dam erba' minuti u kien stmat li kellu qawwa ta' 7.4 sa 10 jew iżjed fuq l-iskala Mercalli, li biha jitkejlu l-qawwa tat-terrimoti. Dwar dan it-terrimot insibu li kienu ġġarrfu partijiet mis-swar taċ-Ċittadella, il-kampnar tal-Katidral fir-Rabat Għawdex u diversi knejjes fosthom il-Knisja tal-Madonna tal-Qala li soffrew ħsarat.

### It-terrimot tal-1743 u ħerba li ħalla fil-Qala

Però f'dan l-artiklu xtaqt nittratta l-aktar, it-tieni l-aktar terrimot qawwi fl-istorja tal-Gżejjer Maltin u fil-fatt huwa l-aktar terrimot qawwi li laqat lir-raħal tagħna fl-istorja miktuba u l-memorja popolari s'issa. Dan kien it-terrimot tal-20 ta' Frar tal-1743 li propju kien daqq il-5.30 ta' filgħaxija u li dam seba' minuti u nofs sħaħ jheżżeż bil-qawwi kontinwament. Dan nafuh grazzi għall-kitba tal-istudjuż, storiku u kleriku magħruf Għawdxi Giovanni Pietro Agius de Soldanis (1712-1770) fejn fl-1746 meta kellu 34 sena kiteb hekk:

"*kien fil-5.30 ta' filgħaxija meta terrimot qawwi ħafna heżżeż lill-Gżejjer Maltin. Dam heżżeż għal 7 minuti u nofs* sħaħ. *Għamel ħsara kbira liż-żewġ gżejjer. F'Għawdex, il-Knisja ta' San Ġorġ, il-Knisja ta' San Ġakbu u l-Kappella ta' La Madonna della Cala (il-Madonna tal-Qala)* ġarbu ħsarat kbar. F'Malta, il-Kon-katidral ta' San Gwann, il-Katidral tal-Imdina u ħafna knejjes oħra *ġarbu ħsarat kbar. Fil-Wardija l-Qala, Għawdex, in-nies rrapportaw li raw l-art togħla u taqa' b'forza tant qawwija li l-ħamrija kienet tħalliet fl-arja, tant li kkawżat sħaba kbira ta' trab li damet għal żmien twil. Partijiet kbar tal-għoljiet Għawdxin bdew jaqgħu għal isfel.*"

Apparti rakkonti żgħar mid-Djarju ta' Ġużepp Debono[1] dwar theżżiż riċenti li laqat lir-raħal tagħna, dan huwa l-uniku rakkont li nsibu fl-istorja miktuba fuq l-effetti ta' xi terrimot li laqat lill-Qala. Il-ħsara kienet kbira

---

[1] Ippreżentat minn Euchar Mizzi f'sensiela 'Mid-Djarju ta' Ġużepp Debono' ippubblika fuq il-Magażin tal-Parroċċa tal-Qala.

dak iż-żmien bil-kappella tal-Kunċizzjoni, bi ftit djar u rziezet mxerrdin tal-Qala kollha. Hafna minnhom kellhom ħitan tal-imramma u għalhekk kienu jifilħu ħafna iżjed mill-ħitan li nibnu illum b'kantuni tas-sebgħa, tad-disgħa, tal-ħdax u anke tad-dobblu. Immaġinaw, Alla ħares qatt kellu jiġri llum b'Knisja Arċipretali u daqstant djar mibnija b'materjal u stil ferm inqas b'saħħtu x'jiġri. Ejjew naraw ftit l-evidenza ġewwa l-Qala ta' dak li kien qalina Gian Pietro Agius de Soldanis fir-rigward it-terrimot tal-1743.

## Il-ħsara lill-Kappella tal-Madonna tal-Qala

Gian Pietro Agius de Soldanis jirrakkonta li parti mis-Santwarju tal-Kunċizzjoni kien iġġarraf u kellu diversi konsenturi. Jekk wieħed iħares lejn il-faċċata tas-Santwarju fid-dettall jinduna li sew fuq in-naħa tax-xellug kif ukoll fuq in-naħa tal-lemin hemm konsentura kbira mis-saqaf madwar żewġ metri mill-kantuniera lejn il-lemin u lejn ix-xellug rispettivament u jibqgħu neżlin gradwalment lejn nofs il-bini. Dan kien riżultat ta' dan it-terrimot. Il-ħsarat fil-Kappella tal-Madonna tal-Qala kif ukoll dawk fil-knejjes l-oħra huma ddokumentati sew fl-arkivji tal-Kurja ta' Għawdex. Dawn kienu mħallsa l-aktar mill-Isqof ta' Malta ta' dak iż-żmien, Paul Alpheran de Bussan, O.S.Io.Hieros (1684-1757) li



*In-naħa tal-xellug tal-faċċata tas-Santwarju tal-Kunċizzjoni tal-Qala fejn hemm konsenturi u waħda distintament sostanzjali kawża tat-terrimot tal-1743.*



*In-naħa tal-lemin tal-faċċata tas-Santwarju tal-Kunċizzjoni tal-Qala fejn hemm konsenturi u waħda distintament sostanzjali kawża tat-terrimot tal-1743.*

dam isqof tal-Gżejjer Maltin għal 29 sena sħaħ[2]. Huwa ta' donazzjoni ta' deheb u fidda sabiex tissewwa l-ħsara li kien kkawża dan it-terrimot. Dan l-Isqof Spanjol li twieled f'Aquen, f'Spanja ġie mfaħħar minn Giovanni Pietro Agius de Soldanis fid-daħla tal-ktieb tiegħu dwar l-Istorja t'Għawdex fejn jgħid:

*"Kont insemmi kemm int idejk miftuħa, għax hekk jidher minn dawk ir-rigali tad-deheb u tal-fidda li tajt lill-Knisja tal-Katidral u ħwejjeġ oħra mseħbin ma' elf skud, biex tiġi rranġata l-ħsara li saritilha f'dan l-aħħar terrimot li għamel fis-sena 1743. U bħallikieku dan ma kienx biżżejjed biex turi kemm hi kbira qalbek, għoġbok twaqqaf bini ieħor, irrid ngħid, iż-żewġ Palazzi tal-Isqofija, barra wkoll mil-Librerija li għamilt fihom imżejna b'ħafna kotba qodma u ġodda li qamulek ħafna flus[3]."*

Il-ħsara fil-Kappella tal-Madonna tal-Qala gradwalment tranġat. Kellu jkun ftit aktar minn mitt

[2] Appuntat Isqof ta' Malta nhar it-8 ta' Marzu 1728 fl-eta' ta' 43 sena; ordnat Isqof ta' Malta fl-14 ta' Marzu tal-istess sena; appuntat Arċisqof Titulari ta' Tamiathis fid-19 ta' Settembru 1746 fl-età ta' 61 sena u ħalla din id-dinja fl-20 ta' April 1757 fl-età ta' 72 sena (Sorsi: www.catholic-hierarchy.org/bishops/bbussan.html / Le Petit Episcopologe, Issue 198, Additions/ Corrections / Hierarchia Catholica Medii et Recentioris Aevi)

[3] Pg. 8 "Għawdex" 1746



*Parti tal-Wardija li sfrondiet meta waqaf it-theżżiż. Ritratt minn Triq Barbaġann, il-Qala.*

sena wara, propjament fit-12 ta' Ottubru 1856 li saru aktar konsenturi wara terrimot li seħħ ta' qawwa 7.7 qrib il-Gżira ta' Kreta fil-Greċja u nħass sew fil-Qala. B'konsegwenza ta' dan it-terrimot kienu tfaċċaw aktar konsenturi li mtlew wara xogħol ta' tiswija.

## Parti mill-għolja tal-Wardija jsir wied

Apparti l-ħsara lill-Kappella kien hemm ħsara fid-djar ukoll alavolja ma kienx hemm irrapportati mejta jew midruba. Fl-għelieqi f'diversi widien, mis-sikek tramblu blatiet kbar u ġebel kbir u żgħir għal ġol-għelieqi u wħud baqgħu jitramblu għal ġol-baħar. Il-kelma Wardija mill-Malti tfisser 'post minn fejn tgħasses fil-għoli' u fil-Gżejjer Maltin insibu 'l fuq minn tletin żona jew inħawi li fl-isem insibu l-kelma 'Wardija'. Mill-ġeoloġija tal-post imsejjaħ il-Wardija fil-Qala din kienet għolja li kienet testendi minn Wied Biljun lejn Triq Patri Ġużepp Portelli lejn ir-rawndabawt fejn hemm il-Monument tiegħu sa fejn id-dar fejn twieled il-mibki Deputat Parlamentari mill-Qala Anġlu Camilleri f'Triq Barbaġann.

Jekk wieħed jimxi tul Triq il-Barbaġann minn din id-dar lejn id-djar il-ġodda f'Ta' Kassja u tħares lejn fuq in-naħa tal-lemin jinduna li hemm waqa' kbira minn għolja għall-wied fond. Dan ma kienx hekk minn dejjem. Dan il-wied qabel it-terrimot tal-1743 kienet għolja li tkompli sa fuq ir-riħ ta' fejn hemm dak li kien id-Distillatur tal-Ilma fil-Bajja ta' Ħondoq ir-Rummien. Dan jidher biċ-ċar f'numru ta' mapep tal-epoka sew fl-Arkivji fil-Mużew tal-Istorja fil-Belt ta' Ankara fit-Turkija u oħrajn li jinsabu fil-Arkivji Kew Gardens, f'Londra fir-Renju Unit, fejn il-Wardija kienet għolja sħiħa u mhux nofs. Bi tlugħ u l-inżul tal-art li rrefera għaliha Giovanni Pietro Agius de Soldanis jikkonferma li l-art minn għolja niżlet f'wied li għadu hekk sal-lum. Mhux biss. Jekk wieħed jimxi madwar dan ir-raba' saqwi jinduna b'xquq li mhux biss jeżistu fil-blat iżda anke fil-ħamrija, it-tafal li dejjem ikun niexef u maqsum u l-blat mdaqqas mifrux madwar l-għelieqi li ħafna ntużaw u parti minn ħitan tas-sejjieħ għal dawn l-aħħar erba' sekli.

## Il-Wardija hi maqtugħa għaliha minn taħt l-art

Dak li ġara fl-1743 kien riżultat mhux biss tat-terrimot, iżda wkoll[4] minħabba l-Irdum il-Kbir li jaqsam lit-territorju tar-raħal tagħna u d-diversi

4 *L-Irdum il-Kbir u l-irdumijiet żgħar tar-raħal tal-Qala,* fis-sensiela O Żmien Ħelu fl-edizzjoni ta' Leħen il-Qala, Awwissu 1997, paġni 18 u 19.



*Parti ta' isfel tal-Wardija li sfrondiet meta waqaf it-theżżiż. Ritratt minn Triq Taċ-Ċawl, il-Qala.*

rdumijiet żgħar oħra. Dan jixhduh il-ġeoloġisti Maltin u l-mappa uffiċjali tal-Gvern. L-Irdum iż-Żgħir jibda mill-Bajja ta' Ħondoq ir-Rummien minn taħt fejn hemm dak li kien distillatur tal-ilma lejn taħt Triq il-Barbaġann tul Triq il-Wardija lejn ir-rawndabawt u Triq Patri Ġużepp Portelli għal ġo Wied Biljun u jispiċċa fil-Port tal-Imġarr. Għalhekk, għalkemm minn fuq wieħed jaħseb li l-Wardija hi magħquda mal-kumplament tal-Gżira Għawdxija, fil-verità mhix għax taħt l-art hi separata daqs li kieku kienet 'gżira'.

It-Terrimot tal-1743 kien inħass b'mod qawwi fiż-żoni tal-Wardija, fuq il-Ġebel kollu biż-Żewwieqa kollha u l-Blata qrib il-Port tal-Imġarr. L-istess jista' jingħad għall-Ġebla tal-Ħalfa u dik taċ-Ċawl li jinsabu ftit metri 'l barra mill-kosta tal-Qala li d-distanza mill-art u l-għoli 'l fuq mill-baħar setgħu ġew affettwati b'dan it-terrimot, però din hi biss spekolazzjoni. Minkejja li mill-1743 'l hawn saru erba' terrimoti oħra kbar: fit-12 ta' Ottubru 1856 f'Kreta, il-Greċja ta' qawwa 7.7; ieħor fis-27 ta' Awwissu 1886 fil-Baħar Iġew ta' 5.5; imbagħad fit-30 ta' Settembru 1911 fil-Punent t'Għawdex ta' 7.3 u l-aħħar wieħed fit-18 ta' Settembru 1923 fil-Lvant ta' Malta, l-ebda wieħed minnhom m'għamel ħsara fil-Qala daqs dak tal-1743.

### Referenzi


ABELA, M. (1969) *Earthquakes in Malta*, History Thesis (Malta), pp. 164.

ANKARA MILITARY ARCHIEVES, Ankara, Turkey.

De SOLDANIS, G.P. (1999): *Gozo-Ancient and Modern, Religious and Profane (translation into English by Rev. Fr Anthony Mercieca of orgininal manuscript 1747)*, Media Centre Publications.

ELLUL, M (1993): *The Earthquake of 1693 – A historic survey, in Mdina and the earthquare of 1693*, edited by C.J. Azzopardi (Heritage Books, Malta).

PIATANESI, A. And TINTI, S. (1998): *A revision of the 1693 Sicily earthquake and tsunami*, J. Geophys. Res., 2747-2758

SHOWER, J. (1693): *Practical reflections on the late earthquakes in Jamaica, England, Sicily, Malta, etc.*, London.

ZAMMIT, S. (2003): *A study of seismicity and earthquake swarms in the Central Mediterranean*, M.Sc. Thesis (University of Malta.

GALEA, P. (2007): *Seismic history of the Maltese islands and considerations on seismic risk*, Annals of Geophysic, Vol. 50, N. 6, December 2007.

GUTSCHER, M.A.; ROGER, J; BAPTISTA, M.A.; MIRANDA, J.M. and TINTI S. (2006): *Sources of the 1693 Catania earthquake and tsunami (southern Italy): New evidence from tsunami modeling of a locked subduction fault plane*, Geophys. Res. Lett., 33.

KEW GARDENS Archieves, Kew, London, UK.

WETTINGER, G. (2000), Place-Names of the Maltese Islands ca. 1300-1800, PEG, Malta, pgs. 562-565.